MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2153/2004

**Elmo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Miller u l-istess Raymond Miller**

**Vs**

**P C 118 Lawrence Buttigieg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu (Lm275.44c) rapprezentanti danni subiti fil-karozza ta' l-attur Raymond Miller f'incident awtomobilistiku li gara l-Mellieha fis-7 ta' Settembru, 2003 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GVP 499 li

habat mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni RPM 999 proprjeta’ ta’ Raymond Miller u misjuqa minnu.

Ra r-Rikors tat-23 ta’ Dicembru, 2004 li bih il-konvenut talab li jipprezenta Risposta.

Ra d-digriet tat-Tribunal tas-7 t’April, 2005 fejn it-talba tal-konvenut giet milqugha.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta’ l-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ PC 870 Reuben Farrugia, Raymond Miller, tal-konvenut, Spettur Stephen Micallef u ta’ PS 772 Dennis Agius.

Ra li fis-seduta tat-13 ta’ Jannar, 2006 il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-*quantum*.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Mark Mifsud Cutajar ghall-atturi u ta’ Dr Susan Sciberras ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza tikkoncerna kollizjoni li sehhet fis-7 ta’ Settembru, 2003. Dakinhar kienet lejliet il-festa tal-Mellieha. Il-konvenut kien qed isuq xarabank tal-pulizija li fiha kien hemm il-bandisti u kienu sejrin lura lejn id-depot. Huma kienu qieghdin isuqu mal-bajja tal-Mellieha izda meta waslu fejn ir-roundabout ta’ quddiem is-Sea Bank Hotel, il-konvenut, billi t-triq li taghti ghar-rahal kienet maghluqa u billi hu kien qed isuq xarabank, zamm lejn in-naha tax-xellug tat-triq biex jiehu c-cirkonferenza min-naha ta’ barra.

Meta gie biex jaqbad it-triq tal-By-pass, sab li man-naha tax-xellug kien hemm il-karozzi pparkjati u ghalhekk hareg mill-*inner lane*. Dak il-mument il-konvenut sema’ lil PS 772 Dennis Agius isejjahlu biex jieqaf u waqaf fil-pront, izda dak il-hin stess kienet qieghda taqbzu l-vettura misjuqa minn Raymond Miller u z-zewg vetturi hakku billi

missew lil xulxin, fir-rigward tax-xarabank mal-bumper tan-naha tal-lemin u fir-rigward tal-karozza ta' Miller, lejn il-parti ta' wara tal-karozza.

Raymond Miller qal li kien qed isuq wara x-xarabank izda meta kien qed idur mar-roundabout, iddecieda li jaqbez lix-xarabank u fil-mument li kien qed jaqbez ix-xarabank, cjoe' meta kienu qieghdin fil-By-pass, ix-xarabank biddlet il-via taghha u laqtitu fil-parti ta' wara tal-karozza tieghu. Billi t-triq kienet imblukkata b'rizultat ta' dan, huwa saq aktar 'il fuq u pparkja l-karozza tieghu fejn kien hemm spazju.

Wara l-habta, l-konvenut waqaf ezatt, ittawwal lejn il-vettura tieghu u ra li kulma kellu kienet hsara zghira fuq ix-xewka tal-bumper, u ghalhekk rega' sstartja u mar u pparkja vicin fejn kienet ipparkjata l-karozza ta' l-attur. Billi l-ebda wahda miz-zewg vetturi ma baqghet fejn kienet meta sehhet il-kollizjoni, ma sar l-ebda sketch.

It-Tribunal jidhirlu illi f'dan il-kaz iz-zewg sewwieqa ghandhom parti mir- responsabbilta'.  Da parti ta' l-attur, hu kien qieghed jespleta manuvra ta' *overtaking* u jidher li huwa ghamel din il-manuvra b'certu mod mghaggel u t-Tribunal ghandu d-dubji kemm verament l-attur kien cert li seta' jespleta l-manuvra minghajr ebda riskju jew ostakolu ghall-vettura li kien qieghed jaqbez.

Da parti tal-konvenut it-Tribunal jidhirlu illi huwa ghandu jbati t-tort principali tal-kollizjoni billi ghalkemm huwa minnu li kien qed isuq vettura goffa, huwa stess jammetti illi biddel il-karreggjata tieghu billi hareg mill-inner lane ghall-outer lane u li ma kienx ra l-vettura misjuqa mill-attur qabel ma sehhet il-kollizjoni.  Huwa evidenti li galadarba huwa ma rax din il-vettura, jew ma harisx jew ma kienx qed izomm *a proper lookout*.  La huwa biddel il-via tieghu, kien jispetta lilu li joqghod attent, li ma johloqx ostakolu ghat-traffiku li kien qed jaqbzu partikolarment billi dik il-parti tat-triq fiha zewg karreggjati.  Huwa minnu li kien hemm il-vetturi pparkjati mal-genb, izda minn ezami ta' l-isketch esebit, jidher car illi anki kieku kien hemm il-vetturi

pparkjati xorta kien hemm spazju bizzejjed biex tghaddi kemm ix-xarabank kif ukoll il-karozza misjuqa mill-attur.

Illi in vista tal-premess, it-Tribunal jidhirlu li ghandu jalloka r-responsabbilta' kwantu ghal terz (1/3) ghal Raymond Miller u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut.

Dwar il-*quantum* m'hemmx kontestazzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet b'responsabbilta' kemm ta' Raymond Miller kif ukoll ta' PC 118 Lawrence Buttigieg fi grad rispettiv ta' terz (1/3) u zewg terzi (2/3) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija tlieta u tmenin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm183.63c) bl-interessi kif mitluba.  L-ispejjez huma kwantu ghal terz (1/3) ghall-atturi u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------